VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,280, 15 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 249 tal-2014

ATT LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (2014)
(KAP. 531)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta'
Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (2014) u bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru għall-Finanzi ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V), u

(b) 4.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2034 (I), jew

(ċ) f'ammonti miż-żewġ *Stocks* fuq imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Euro 100,000,000.

Mod tal-ħruġ ta' *Stocks*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm stabbilit fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fis-26 ta' Settembru, 2014 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(1)(a) u (b), kull ammont allokat skont it-2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) jiġi integrat u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

(3) Fit-18 ta' Ottubru, 2014 wara l-pagament tal-ewwel

VERŻJONI ELETTRONIKA

imgħax, kif muri fl-artikolu 7(2)(a) u (b), kull ammont allokat skont l-4.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2034 (I) jiġi integrat u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 100,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tingħabar b'ammont ta' mhux iżjed minn Euro 80,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.00 għal kull Euro 100, tat-2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-26 ta' Marzu u fis-26 ta' Settembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri il-perjodu bejn l-4 ta' Awwissu, 2014 u l-25 ta' Settembru, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fis-26 ta' Settembru, 2014;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn is-7 ta' Awwissu, 2014 u l-25 ta' Settembru, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fis-26 ta' Settembru, 2014.

(2) L-imgħax bir-rata Euro 2.05 għal kull Euro 100, tal-4.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2034 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-18 ta' April u fit-18 ta' Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri il-perjodu bejn l-4 ta' Awwissu, 2014 u s-17 ta' Ottubru, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-18 ta' Ottubru, 2014;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn is-7 ta' Awwissu, 2014 u s-17 ta' Ottubru, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fit-18 ta' Ottubru, 2014.

Fidwa ta' *Stock*.

8. (1) It-2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (V) jinfeda b'parità fis-26 ta' Settembru, 2020.

(2) L-4.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2034 (I) jinfeda b'parità fit-18 ta' Ottubru, 2034.